31981R3719

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3719/81
tal-21 ta' Diċembru 1981
li jemenda Regolament (KEE) Nru 357/79 dwar stħarriġ statistiku fl-oqsma tad-dwieli

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Billi, bis-saħħa ta' l-Artikolu 22 ta' l-Att ta' l-Adizzjoni tal-1979, għandhom isiru ċertu bidliet fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 357/79 tal-5 ta' Frar 1979 dwar stħarriġ statistiċi fl-oqsma tad-dwieli (3), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1992/80 (4), skond il-linji ta' gwida mogħtija fl-Anness II ta' dak l-Att;

Billi l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 357/79 jipprovdi li l-Istati Membri konċernati għandhom jagħmlu kull għaxar snin stħarriġ bażiku dwar il-qasam tad-dwieli u stħarriġ intermedjarju kull sena; billi, bħala riżultat ta' diffikultajiet li ma setgħux ikunu previsti, ma kienx possibli li jkun komplut l-ewwel stħarriġ annwali bażiku fil-qasam tad-dwieli fil-perijodu preskritt; billi kien għalhekk ġie deċiż li tingħata estensjoni ta' sena għall-perijodu miftiehem lil dan l-Istat Membru; billi din l-estensjoni ma kinitx biżżejjed minħabba kumplikazjonijiet ulterjuri ta' natura leġislattiva; billi kien għalhekk rakkomandabbli li dan l-Istat Membru jitħalla jipposponi għal sena oħra d-dati li fihom kellu jintemm dan l-istħarriġ u jiġu mgħoddija r-riżultati lill-Kummissjoni;

Billi huwa mixtieq li l-Komunità terfa' parti min-nefqa involuta mill-Greċja għall-ewwel stħarriġ bażiku mmexxi minn dan l-Istat Membru,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 357/79 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1(1), it-tieni sotto-paragrafu għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, l-ewwel stħarriġ bażiku fl-Italja jista jkun komplut sal-31 t'Ottubru 1982 u għandu juri s-sitwazjoni wara t-tneħħija tad-dud u t-tħawwil fis-sena tat-tkabbir għall-inbid 1981/82. L-ewwel stħarriġ intermedjarju f'dan l-Istat Membru għandu jsir fl-1984 u għandu juri l-bidliet matul is-sentejn tat-tkabbir għall-inbid 1982/83 u 1983/84."

2. L-Artikolu 1(2) għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"2. Is-sena tat-tkabbir għall-inbid għandha tkun dik stabbilita abbażi ta' l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KEE) Nru 337/79."

3. Fl-Artikolu 4(3) dan li ġej għandu jidħol wara l-ewwel subinċiz:

"— fil-Greċja: ir-reġjuni għat-tkabbir għall-inbid elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament,".

4. Fl-Artikolu 5(4), it-tieni sotto-paragrafu għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, l-Italja tista tissottometti din id-deskrizzjoni dettaljata qabel it-30 ta' Ġunju 1983."

5. L-Artikolu 6(1) għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri konċernati għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni għal kull sena tat-tkabbir għall-inbid l-ammont tal-prodott medju għal kull ettaru f'termini ta' etto-litri għal kull ettaru ta' polpa ta' l-għeneb jew inbid jew f'termini ta' deċitunnellati għal kull ettaru ta' għeneb prodott, b'effett missena tat-tkabbir 1979/80, u fil-każ ta' l-Italja u l-Greċja b'effett mis-sena tat-tkabbir 1982/83, għal dawk l-oqsma ta' dwieli ta' varjetajiet ta' għeneb għall-inbid, maqsuma fil-klassijiet ta' produzzjoni li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2."

6. L-Artikolu 6(5) għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri konċernati għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, għal kull sena tat-tkabbir għall-inbid u maqsuma b'żoni ġeografiċi, kalkoli tal-livell ta' alkoħol espress bħala % vol jew f°Oechsle ta' għeneb frisk, polpa tal-għeneb jew inbejjed, prodotti minn sena tat-tkabbir għall-inbid 1979/80 'l quddiem, u fil-każ ta' l-Italja u l-Greċja mis-sena

(1) ĠU C 261, tat-13.10.1981, p. 6.
(2) L-opinjoni mogħtija fis-16 ta' Diċembru 1981 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(3) ĠU L 54, tal-5.3.1979, p. 124.
(4) ĠU L 195, tad-29.7.1980, p. 10.

tat-tkabbir għall-inbid 1982/83 'il quddiem, f'dawk l-oqsma ta' dwieli ta' varjetajiet ta' għeneb għall-inbid normalment intenzjonat għall-produzzjoni ta:

— inbejjed ta' kwalità psr,

— l-inbejjed oħra:

— inklużi inbejjed intenzjonati ta' bilfors għall-produzzjoni ta' ċerti spirti li jistgħu jinxtorbu li jkunu meħuda mill-inbid b'diżinjazzjoni ta' l-oriġini reġistrata."

7. L-Artikolu 6(6) għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-informazjoni annwali li hemm referenza għaliha fil-paragrafi 1 u 5 għandha tkun mgħarrfa qabel l-1 t'April ta' wara kull sena tat-tkabbir għall-inbid. L-informazzjoni dwar il-klassijiet ta' produzjoni li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2 għandhom ikunu sottomessi fil-perijodu mniżżel fl-Artikolu 4(1). L-estimi tat-tendenzi futuri fil-medja tal-produzzjoni għal kull ettaru li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 3 għandhom ikunu sottomessi:

— għall-ewwel darba, qabel l-1 t'Ottubru 1981, u għall-Italja u l-Greċja qabel l-1 t'Ottubru 1984;

— wara dan, kull ħames snin qabel l-1 t'April, ħlief fit-tieni estimi għall-Italja u l-Greċja, li għandhom jkunu sottomessi wara sentejn."

8. L-Artikolu 8(2) għandu jkun sostitut b'dan li ġej:

"2. Ir-rapprezentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu addottati. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz fit-terminu stabbilit mill-President skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tkun mogħtija b'maġġoranza ta' 45 vot, il-voti ta' l-Istati Membri jkunu soġġetti għal tagħbija kif stabbilit fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-president m'għandux jivvota."

9. L-Artikolu 9 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 9

L-ispiża meħtieġa għall-istħarriġ bażiku dwar is-sitwazjoni wara s-sena tat-tkabbir 1978/79, u fil-każ ta' l-Italja u l-Greċja wara s-sena tat-tkabbir 1981/82, għandha tkun koperta mill-Komunità b'somma sħiħa li għad trid tiġi ddeterminata."

10. L-Anness għandu jkun issupplimentat bit-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1981.

Għall-Kunsill

Il-President

N. RIDLEY

L-ANNESS

Lista ta reġjuni tat-tkabbir għall-inbid li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 4(3)

GREĊJA

1. Greċja Ċentrali u Euboea
2. Peloponnesus
3. Gżejjer Jonji
4. Epirus
5. Tessali
6. Maċedonia
7. Traċe
8. Gżejjer Eġjani
9. Kreta